# LEĠĠENDA

*Traduzzjoni ta'* MAY BUTCHER *mir-Russu ta' Plescheieff*

Kristu kellu ġnejna żgħira,
Ħafna ward Hu ħawwel fiha
Biex fiż ġej klil Huwa jidfor,
Tliet darbiet kull jum saqqieħa.

Xħin il-ward fi żmienu fetaħ,
Lit-tfal lhud tahom il-merħba.
Qatgħu kollox. Xejn ma baqa',
Huma għamlu l-ġnejna ħerba.

"Issa kif sa tidfor klejla?
M'għandekx iktar ward fil-ġnien."
Kristu qal: "Insejtu. Għandi
Għad ix-xewk ma' kullimkien."

Għalhekk huma mix-xewk dafru
Klil niggież imbagħad għalih.
Fuq il-ward qatriet minn Demmu
Żejnu 'l Ġbinu minnufih.